

Brussell, 11 ta' Diċembru 2019
(OR. en)

14564/19

ATO 100
RECH 506
SAN 489

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Teknoloġiji u applikazzjonijiet nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija - Adozzjoni ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. It-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi jaqdu rwol importanti barra mis-settur tal-enerġija nukleari f'oqsma vitali bħall-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura, l-ispazju, ir-riċerka u l-ambjent.
2. L-attivitajiet fit-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi jipproduċu fjuwil użat u/jew skart radjuattiv fl-Istati Membri kollha u l-ġestjoni tal-iskart tirrappreżenta attività importanti.
3. Għalhekk, il-Presidenza pproponiet li tadotta konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tal-iskart fl-użi tat-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija.
4. Wara ħidma intensiva fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Atomiċi, intlaħaq kunsens dwar it-test fl-Anness¹.

KONKLUŻJONI

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill biex jadotta, taħt il-punti "A" ta' sessjoni li jmiss, l-abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness.

¹ F'dan ir-rigward, tnediet b'suċċess proċedura ta' silenzju informali bejn is-6 u d-9 ta' Diċembru 2019.

ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-ġestjoni tal-iskart fl-użi tat-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija

Filwaqt li jirrikonoxxi

- li t-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi jaqdu rwol importanti barra mis-settur tal-enerġija nukleari f'oqsma vitali bħall-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura, l-ispazju, ir-riċerka u l-ambjent, u jipprovdu bosta benefiċċji liċ-ċittadini tal-UE u konxju mill-kontribut sinifikanti li x-xjenza nukleari tista' tagħti biex tindirizza l-isfidi tas-soċjetà;
- li l-leġislazzjoni tal-Euratom titlob li l-użu mhux għall-enerġija ta' teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi jkun ġustifikat kif xieraq, li l-protezzjoni tal-pubbliku, il-pazjenti u l-persunal mir-radjazzjoni tkun ottimizzata u li l-ġestjoni u r-rimi ta' skart radjuattiv u fjuwil użat isiru b'mod sikur;
- li l-attivitajiet fil-qasam tat-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi jipproduċu fjuwil użat u/jew skart radjuattiv fl-Istati Membri kollha;
- id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv biex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet mhux dovuti fuq il-ġenerazzjonijiet futuri;
- id-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom tal-20 ta' Novembru 2006 dwar is-superviżjoni u l-kontroll ta' vjeġġi ta' skart radjuattiv u ta' kombustibbli nukleari eżawrit, sabiex jiggarrantixxu l-protezzjoni adegwata tal-popolazzjoni;
- id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari u d-Direttiva tal-Kunsill 2014/87/Euratom tat-8 ta' Lulju 2014 li temenda d-Direttiva 2009/71/Euratom;

- il-Konvenzjoni Konġunta dwar is-sigurtà tal-immaniġġar ta' kombustibbli eżawrit u dwar is-sigurtà tal-immaniġġar ta' skart radjuattiv;
- il-programmi nazzjonali tal-Istati Membri għall-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv li jkopru t-tipi kollha ta' fjuwil użat u skart radjuattiv taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom u l-istadji kollha tal-ġestjoni tagħhom mill-ġenerazzjoni sar-rimi;
- ir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/117/Euratom;
- ir-rapporti nazzjonali tal-Partijiet Kontraenti dwar il-Konvenzjoni Konġunta dwar is-sigurtà tal-immaniġġar ta' kombustibbli eżawrit u dwar is-sigurtà tal-immaniġġar ta' skart radjuattiv;
- il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2019 dwar teknoloġiji u applikazzjonijiet nukleari u radjoloġiċi li ma jipproduċux enerġija;
- FILWAQT LI JINNOTA r-rapport dwar l-istudju Ewropew dwar l-applikazzjonijiet mediċi, industrijali u ta' riċerka tat-teknoloġija nukleari u tar-radjazzjoni (ISBN 978-92-79-99659-7);
- FILWAQT LI JINNOTA l-ħidma li għaddejja fuq Analiżi Komparattiva tal-Approċċi tal-Istati Membri għad-Definizzjoni ta' Inventarji Nazzjonali tal-Iskart Radjuattiv u tal-Fjuwil Użat;
- FILWAQT LI JINNOTA l-ħidma magħmula f'Riċerka u Taħriġ tal-Euratom 2014-18 u fl-ambitu tal-Programm ta' Ħidma attwali tal-Euratom 2019-2020, fir-rigward tar-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji u kompetenzi f'oqsma rilevanti bħall-ġestjoni tal-iskart u l-protezzjoni mir-radjazzjoni;
- FILWAQT LI JINNOTA r-riżultati tal-workshop SAMIRA dwar il-ġestjoni ta' fjuwil użat u skart radjuattiv li jirriżultaw mill-użi mhux għall-enerġija ta' teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi organizzat mill-Kummissjoni u mill-Presidenza Finlandiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fi Brussell f'Novembru 2019;
- FILWAQT LI JINNOTA r-riżultati tal-workshop dwar analiżi komparattiva tal-approċċi tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-inventarji nazzjonali tal-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat organizzat mill-Kummissjoni fi Brussell f'Novembru 2019.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

1. JILQA' l-ħidma preparatorja mwettqa mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi żviluppata Aġenda Strateġika għall-Applikazzjonijiet Mediċi, Industrijali u tar-Riċerka (SAMIRA) tat-teknoloġija nukleari u radjoloġika.
2. JIRRIKONOXXI li l-applikazzjonijiet nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija għandhom effett pożittiv fuq is-saħħa tas-soċjetà. Għalhekk, fl-applikazzjonijiet nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija għandu jitqies iċ-ċiklu tal-ħajja kollu.
3. JINNOTA li hemm tipi differenti ta' flussi ta' skart minn użi tat-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija. Tipikament, l-iskart jiġi ġġenerat f'ammonti żgħar f'postijiet mifruxa u huwa ta' diversi tipi u karatteristiċi, u l-ġestjoni tal-iskart ser tkopri għexieren ta' snin.
4. JINNOTA li l-ħtiġijiet tal-ġestjoni tal-iskart fl-Istati Membri ġejjin minn diversi attivitajiet fis-soċjetà. Dawn huma pereżempju fjuwil użat minn reatturi ta' riċerka u ta' prova, skart radjuattiv mit-tħaddim u d-dekummissjonar ta' faċilitajiet ta' riċerka, skart radjuattiv mill-produzzjoni ta' radjuiżotopi, skart radjuattiv mediċinali, u sorsi ssiġillati mhux użati.
5. JENFASIZZA l-importanza li jiġu minimizzati l-ammont u l-attività tal-iskart radjuattiv, kemm ikun raġonevolment prattikabbli u skont il-politiki nazzjonali u l-liġi komunitarja, u li jiġu żviluppati u kummissjonati teknoloġiji jew faċilitajiet ġodda għall-ġestjoni tal-iskart.
6. JENFASIZZA li, mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà aħħarija tal-Istati Membri fl-immaniġġar, il-ħżin u r-rimi ta' skart radjuattiv iġġenerat fit-territorji tagħhom, għandhom jiġu żgurati bħala prijorità fl-attivitajiet kollha ta' livell nazzjonali u sovranazzjonali l-immaniġġar, il-ħżin u r-rimi responsabbli u sikur tal-iskart.

7. JENFASIZZA r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jkollhom politika nazzjonali għall-
għestjoni tal-iskart radjuattiv li tinkludi l-iskart radjuattiv u l-fjuwil użat li joriġina minn
teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija.
8. JAGĦRAF li għandu jiġi adottat ukoll approċċ fi gradi għal flussi ta' skart differenti, u li
s-soluzzjonijiet jistgħu jiddependu mill-iskala tal-użi u l-fażi tal-programmi għall-użu
tat-teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi.
9. JAGĦRAF il-politiki nazzjonali differenti dwar il-għestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart
radjuattiv; li l-Istati Membri jista' jkollhom faċilitajiet ċentralizzati jew distribwiti għall-
immaniġġar, il-ħżin u r-rimi. Dawn l-attivitajiet jistgħu jiġu pprovduti permezz ta'
organizzazzjonijiet pubbliċi jew privati.
10. JAGĦRAF li f'xi każijiet, is-soluzzjonijiet nazzjonali la huma faċilment disponibbli u lanqas
raġonevolment prattikabbli. F'dan ir-rigward, is-servizzi, il-faċilitajiet, u l-faċilitajiet ta' ħżin
jew ta' rimi kondiviżi bejn l-Istati Membri jistgħu jitqiesu bħala alternattiva vijabbli.
Kondiviżjoni bħal din tkun teħtieġ deċiżjonijiet politiċi u li tiġi aċċettata mis-soċjetà kif
ukoll soluzzjonijiet tekniċi u legali. Madankollu, l-inizjattiva għal dan it-tip ta'
kooperazzjoni għandha tittieħed mill-Istati Membri.
11. JINNOTA li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri llum tinkludi programmi ta' riċerka
komuni, li huma essenzjali fl-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u għarfien dwar il-għestjoni tal-
iskart. Barra minn hekk, il-ġbir flimkien ta' teknoloġiji, servizzi u għarfien iżid l-għadd
ta' soluzzjonijiet potenzjali għall-għestjoni tal-iskart fil-livell kemm nazzjonali kif ukoll
sovranażżjonali.

12. JIRRIKONOXXI l-importanza ta' programmi ta' riċerka u taħriġ fil-livell nazzjonali u fil-livell Ewropew għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet u l-aħjar Prattiki kif ukoll għaż-żamma ta' għarfien espert, ħiliet u riżorsi fil-qasam tal-ġestjoni ta' skart radjuattiv minn użi ta' teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija. Għandu jingħata aktar appoġġ għall-ġbir flimkien tal-attivitajiet ta' taħriġ biex tiżdied id-disponibbiltà u l-ambitu tal-għarfien espert u biex l-aħjar Prattiki jitqassmu fost l-Istati Membri kollha.
13. JINNOTA li l-Istati Membri huma responsabbli għaż-żamma u l-iżvilupp tal-għarfien espert, il-ħiliet u r-riżorsi rilevanti għall-ħtiġijiet tagħhom. It-tnejn ta' katalogu tal-għarfien espert, il-ħiliet u r-riżorsi eżistenti hija essenzjali għall-ippjanar u għar-rispons għall-ħtiġijiet futuri. Dan għandu jsir fil-livell nazzjonali u permezz ta' kooperazzjoni Ewropea bħall-Osservatorju Ewropew tar-Riżorsi Umani.
14. JINNOTA r-responsabbiltà tal-Istati Membri u tal-Komunità li jinkludu data dwar l-iskart radjuattiv mill-użi ta' teknoloġiji nukleari u radjoloġiċi li mhumiex għall-enerġija fir-rapporti dwar il-ġestjoni tal-iskart fil-livelli kollha.
